# MILL-MEWT GĦALL-QAWMIEN




Ma kienx diffiċli li filwaqt li nżomm l-ispirtu ta' dawn il-jiem nagħżel kotba li mhux neċessarjament ikunu reliġjużi, anke jekk dak ta' Ġorġ Borġ huwa wieħed spiritwali. Dan għaliex ir-rabta bejn dawn il-jiem (għall-Insara huma jiem qaddisa) u l-umanità hija waħda kbira. Ta' min ngħid li bħalissa l-Musulmani wkoll għandhom ir-Ramadan bl-għan li permezz tas-sawm mhux biss jagħrfu l-post li għandu Alla fil-ħajja tagħna imma wkoll jitwaħħdu ma' dawk kollha li qed isofru minn tant tbatija.

Dan huwa l-ħsieb li xtaqt noħroġ minn dawn it-tliet kotba li qed nippreżentalkom.

It-titlu tal-ktieb Ħadd in-nies ta' Karmenu Mallia huwa mislut bla dubju ta' xejn bil-pelleginaġġ tant popolari tal-Madonna tal-Grazzja karatterizzat ma' dawn iż-żminijiet. Imbagħad il-Qiegħ ta' Murad Shubert jesprimi b'mod qawwi l-uġigħ u ħafna emozzjonijiet oħra. Qtar, ta' Ġorġ Borġ iwasslilna ftit ħsibijet qosra spiritwali daqs kemm huma umani.

Mill-mewt għall-qawmien għaldaqstant qed narha wkoll f'dan is-sens ta' karba tal- umanità li fl-istess ħin iżda hemm ukoll it-tama.

## Imbagħad il-Qiegħ ta' Murad Shubert

Ma nkun qed ngħid xejn ħażin jekk ngħid li Murad Shubert mhux biss huwa wieħed mill-awturi favoriti tiegħi imma wieħed mill-aħjar poeti f'pajjiżna. Jolqot l-elementi kollha li jsawru poeżija tajba: Għażla tal-kelma, iħoss dak li jkunu qed iġarrbu bnedmin oħra bħalna u jirnexxielu b'mod tajjeb iwassal lill-qarrejja dawn il-ħsus b'mod tassew tajjeb. Shubert jirnexielu jikkomunika, b'mod li l-qarrejja jistgħu jifhmu, mingħajr ma jnaqqas xejn la mil-lingwaġġ figurattiv u lanqas minn dak kollu li għandu xi jwassal, minkejja li huwa poeta minimalisa.

Bejn dak li jsawwarna bħala bnedemin u l-għemejjel tagħna hemm baħar jaqsam. Jekk inħaffru filfond fina insibu xi mkien l-imħabba, t-tjubija, imma kollox ġie mnawwar bilħażen u bl-għemejjel tagħna.

"Fl-imħabba
aħna l-għera.
Ebda libsa
ma tixirqilna" (p.11).

Iżda ma nistgħux ngħixu l-pożittività jekk ningħalqu f'bozza, jekk nagħlqu għajnejna mill-ħruxijiet tad-dinja iżda rridu nduquhom xi ftit. U dak li qed jipprova jagħmel ftit il-poeta permezz ta' vrusu. Fuq din l-istess art li tatna l-ħajja, li għalina hija mislufa, hemm fi nħawi oħra l-bogħod il-biki, l-ġuħ, il-mibegħda.

Il-poeta jaf tajjeb xi tfisser it-tbatija, għaliex fi kliemu

"...il-gwerer naqqxu f'laħmi
feriti li għadhom ma ngħalqux" (p.14).

Id-"dnub" tiegħu huwa l-onestà; huwa li ma jdoqqx l-istess nota la tad-dittaturi u lanqas tal-kapitalisti li bosta drabi bħal donnu jaħdmu id f'id minkejja li fil-wiċċ jaf ippreżentati kontra xulxin. Fir-riżultati tat-tnejn li huma nsibu l-kilba għall-flus, l-oppressjoni, b'kawża ta' gwerer sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom u tal-ftit, u l-konsegwenzi jkunu aktar ħruxijiet u l-imwiet.

L-imħabba hija kbira wisq u mfissra b'bosta metafori bħal fil-poeżija "Ħajran" bħal

"Mhumiex biżżejjed dawk l-ilwien li ħallejtli
Biex inlesti l-pittura tiegħek.
Il-ġmiel t'għajnejk tfiehom kollha"

anke jekk ikompli li huwa "ħajran bejn imħabbtek u t-tluq" (p.23)

Din it-tjubija iżda fil-ġewwieni tal-bniedem hija mjassra mill-istess ħażen tal-bniedem. Milquta mis-sofferenzi, l-egoiżmu, mid-dittatorjat, mill-kapitaliżmu u oħrajn. Hemm xenqa għall-ħelsien, għaliex

"Anke fil-faħma
hemm nirien
maħbusa" (p.85).

Shubert iżda ma jiqafx billi jagħraf d-dgħjufija tal-umanità Iżda jħoss ix-xenqa li jġarrab anzi li kieku jista jtaffi mit-tbatija l-ħażen.

"Jien dakkar tal-imħabba.
Naqta' kull wara miġruħa
Biex insir.
Aroma." (p.12).

Fi kliem ieħor iħoss dan is-sens ta' solidarjetà li mhux wieħed superfiċjali. Jitwaħħad mal-umanità li qed tbati, għaliex iħoss l-istess imrar, l-istess niket. Għaldaqstant fil-ktieb naqraw dwar it-traġedja ta' Miriam Pace u kif inhi marbuta mal-għaġla sfretana biex niżviluppaw (p.31), l-immigranti u dawk li qed jippruvaw isibu art li tilqagħhom (p.35), s-sofferenzi tal-Alġerini (p.38), ,Abdul li jispiċċa jmut waqt li jkun qiegħed xogħol (p.52), it-trażżin tal-espressjoni ħielsa (p.102).

Shubert għaldaqstant jistieden lilna l-qarrejja sabiex nitwaħħdu ma' dawn il-karattri, nifhmu ftit it-tbatija tad-dinja.

Kif diġà semmejna il-poeżija tiegħu hija konċiża, iħaddem l-ekonomija tal-kliem.

Nagħlaq bi kliem li nsibu fil-kopertina ta' dan il-ktieb tal-Professur Adrian Grima:

"Dawn il-poeżiji minimalisti u sorprendenti ta' Murad Shubert huma bħal balla. Isibuk mill-bogħod u lanqas tkun taf x'laqtek. Taħseb li l-balla tkun għaddiet żbrixx minn miegħek, qisha memorja stramba.

U mbagħad tibda tħoss it-tiċrita fil-laħam il-ħaj. Għax bħat-tmiem u l-bidu ta' Wisława Szymborska, dawn poeżiji li ma jagħmlux kompromessi. Li mhux lesti jċedu mqar ftit mill-forza tal-umanità mġarrba tal-poeta. Bħal balla, għax jitkellmu bil-metafora u bil-kliem li jintqal bejn tnejn min-nies bil-leħen miksur tal-lejl. Imbagħad hemm it-tiċrita fil-laħam il-ħaj.

Il-ġesti delikati ta' bniedem tad-demm u l-laħam li kulma jrid l-imħabba. Diretta u intensa. Li tidħol sa ġewwa nett. U ssewwi l-ħsara."

## Qtar ta' Ġorġ Borġ

Ġorġ Borġ huwa magħruf sew għal poeżija tiegħu konċiza, minimalista. Fil-poeżija ta' Borġ dejjem induqu dik il-ħlewwa benna li toffri l-poeżija u fl-istess ħin joffrielna xi forma ta' riflessjoni.

Dan il-ktieb għandu wkoll għan; li joffri lill-awturi ftit kliem ta' ġid ispirati mit-tagħlim tal-Evanġelu. Fi kliem l-awtur:

"Fil-bidu kont nikteb ħafna u nqatta' wkoll. Imma maż-żmien tgħallimt li xi frak ta' poeżija seta' jibqa', jekk xejn biex nibni fuqu. Iktar tard bdejt inxebbah lil dan